**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (17)

Il-ġimgħa l-oħra bdejna l-intervista interessanti ma' Salvu Grech mill-Isla, li kif qalilna hu, minn tfulitu kien jinteressa ruħu fir-Regatta Nazzjonali. Salvu kien wieħed mill-ħabrieka Sengleani li ta sehmu biex id-distrett tal-Isla jiġi jorganizzat mill-ġdid wara l-gwerra. Inkomplu b'siltiet oħra minn din l-intervista:

*Salv, fost id-dgħajjes ta' Bl-erbgħa li l-Isla kienu jġerru bihom fir-Regatta kien hemm waħda li kienu jsibuha bħala l-Kavetta ... x'tista' tgħidli dwar din id-dgħajsa?*

"... iz-ziju Guli bena diversi dgħajjes għat-tiġrija, fosthom id-dgħajsa (Marija Bambina) li kienu jsibuha bħala l-kavetta – kienet dgħajsa wiesa' aktar minn dgħajsa normali. Ir-raġuni li nbniet daqshekk wiesa' kienet li l-erba' ġerrjija kienu kollha ta' piż kbir. Jekk m'inix sejjer żball, aktarx li tlieta minnhom kienu mill-ekwipaġġ li semmejtlek, imma n-nofsier kien Ġużeppi Portelli (iċ-Ċummnija) u wara kien daħal Salvu Formosa (il-Pa Salv) u Toni Farrugia( Iż-Żbiba)... minn dak iż-żmien sal-lum għaddew is-snin u għalhekk faċli ħafna li niżbalja fejn jidħlu l-ismijiet tal-qaddiefa ..."

*Salv, qabel il-gwerra d-dgħajjes tal-Pass ma kinux jintiżnu, iżda wara l-gwerra bdew jintiżnu u b'regolament mid-dwana ġie stipulat li kull dgħajsa li tieħu sehem fir-Regatta ma tistax tkun inqas minn 400 libra. X'kienet ir-raħuni li daħal il-piż tad-dgħajjes fir-Regatta?*

".... niftakar li fost in-nies li taw sehmhom biex jorganizzaw id-distrett tal-Isla wara l-gwerra kien wieħed minnhom, mingħalija ċertu Omega li tħajjar jagħmel dgħajsa.

"Meta qata' qalbu, jien dort fuq zijuk u koknt għedtlu: "Kiel ejja nippruvaw nigbruha aħna u nagħtuhielhom għan-nom tal-Labour Party . L-ispejjeż kollha ta' din dgħajsa ngabru minn fost il-membri tal-każin, u konna ordnajniha għand iz-ziju Guli.

"Mingħalija din id-dgħajsa kienet qamet £150. Meta mort inħallsu, iz-ziju tani £10 liri bħala d-donazzjoni tiegħu għad-dgħajsa.

"Din id-dgħajsa li konna semmejnieha *Invicta* bdiet iġġerri f'ta' Bi Tnejn u mhux f'ta' Bl-Erbgħa. Meta niżżilniha fil-baħar u bdew jippruvawha, kien hemm Toni Ellul (il-Koj) li kien jaqdef mar-Raħal Ġdid u wara mal-Marsa, li kif raha fil-baħar mill-ewwel basar li din id-dgħajsa kienet se tqanqal l-inkwiet. Meta aħna rajna hekk ħadniha d-dwana! ...

"Meta l-perit Aguis beda jkejjel (fl-idea tiegħi) beda jkejjel ħażin, għaliex beda jkejjel minn taħt ir-Rota għal taħt ir-Rota l-oħra, allura t-terz beda jiġi falz.

"Peress li s-sur Aguis kien l-imgħallem tiegħi bħala Draughtsman id-Dockyard, f'ħin minnhom dort fuqu u għidtlu: 'Sur Aguis, fil-fehma tiegħi int m'intix qed tkejjel tajjeb' Fil-pront irrispondini, ' minn meta l-alliev se jgħallem lill-imgħallem tiegħu?'

"F'din il-kwistjoni 'Iva' għidtlu, u tlabtu biex neħduha l-Boat House u nitfugħha taħt il-miżien - il-miżien ma kienx għal piż, iżda għat-tul biex iġib eżatt, għax id-dgħajjes kollha għandhom ftit ikkorrazzat - jiġifieri minn fejn kien qed ikejjel kien jidħol 'il ġewwa aktar, allura it-terz joħroħ 'il barra ħafna. Meta ħadniha l-Boat House ,u tfajniha taħt il-miżien, il-perit dar fuqi u qalli li "kellek raġun"."

"Meta morna għat-tiġrija kulħadd beda jipprotesta fuqha għax kienet ħafifa. Personalment jien ma nemminx fil-piż, għax id-Dwana tagħtik it-tul, il-ħxuna tal-għeluq, il-ħxuna ta l-istamnari u tal-majjieri, u għalhekk trid tkun il-kapaċitá tal-imgħallem li jibnilek dgħajsa tat-tiġrija fuq dawn in-normi. Kien proprju f'dak iż-żmien li d-Dwana daħlet il-piż għal kull dgħajsa tax-xogħol li tieħu sehem fit-tiġrija ..."

*( Nota: Ma' Salvu nergħu niltaqgħu miegħu aktar 'il quddiem).*

Inkomplu bl-intervisti tagħna billi issa nislet żewġ siltiet mill-intervista li għamilt lil Wenzu Zarb, magħruf mad-dilettanti u mal-partitarji Sengleani bħala l-Bożin, peress li għal snin twal kien il-coxswain tal-Wejla ta' Sant'Anġlu u



L-ekwipaġġ tal-Frejgatina tal-Isla jidher qed jippoża għar-ritratt wara r-rebħ tal-palju fl-1953

kien it-tmunier tal-Frejgatini Sengleani. Għamiltlu din l-intervista l-Ponta, fl-1978. L-ewwel mistoqsija tiegħi kienet dwaru bħala qaddief:

"... jien bdejt naqdef fil-Kajjikki t-twal - dawk li dari kienu jsejħulhom Fancy. Meta dħalt fin-Navy Ingliża jien kont il-coxswain tal-aqwa Wejla ta' Sant' Anġlu - Wejla li l-qaddiefa tagħha kienu kollha baħrin Maltin u xi wħud minnhom kienu wkoll qaddiefa regolari mad-distretti tal-Kottonera fit-Tiġrija tal-Vitorja. Bil-Wejla s-Sewda kif kienu jħobbu jsejħulha l-Maltin, il-qaddiefa tiegħi għelbu l-isfida tal-aqwa qaddiefa li kellha l-flotta Ingliża fil-Mediterran ...."

*Allura kif minn coxswain tal-Wejla ta' Sant' Anġlu sirt it-tmunier tal-Frejgatini tal-Isla?*

"... kif tistenna, bħala Senglean ma tistax ma tħobbx ir-Regatta. Minn meta kont daqsxejn ta' tifel it-Tiġrija tal-Vitorja minn dejjem kienet għal qalbi, u peress li ma stajtx nieħu sehem dirett bħala membru ta' xi ekwipaġġ, bdejt ninżel il-Ponta u mill-esperjenza tiegħi ngħallem u nħarreġ lil xi wħud mill-qaddiefa li fil-fehma tiegħi kellhom bżonn l-għajnuna.

"Darba fost l-oħrajn, resqu fuqi Ġużeppi Formosa (in-Niger) u Gustu Cachia (Battajola) u ħeġġuġni biex ninżel fil-Frejgatina ta' George Caruana (Cyclop) bħala tmunier.

"Jien mill-ewwel ikkuntentajt, u mill-1952 bdejt nagħti sehmi bħala tmunier f'waħda mill-Frejgatini tal-Isla. Jien mill-ewwel ksibt suċċess, iżda dan is-suċċess u oħrajn fis-snin ta' wara kien kollu dovut għal ħeġġa u determinazzjoni tal-qaddiefa li kelli miegħi tul il-għoxrin sena li nżilt fil-kanal f'Isem pajjiżi.

"Illum, jien għandi 80 sena, u minħabba l-etá tiegħi kelli nieqaf, iżda għandi sodisfazzjon kbir, li għadd ġmielu mill-qaddiefa li qegħdin jieħdu sehem fir-Regatta f'isem l-Isla, xi darba jew oħra kienu qaddiefa tal-Frejgatina tiegħi, u l-ewwel suċċess tagħhom f'dawn it-tiġrijiet kisbuh taħt id-direzzjoni tiegħi.

"Mill-1952 sal-1958, u mill-1963 sal-1978 kelli diversi ekwipaġġi ... il-maġġoranza tagħhom rebħu l-palju tal-Frejgatini. Meta rbaħna fraħt magħhom u meta tlifna bkejt magħhom ukoll ... irbaħna għax kelli qaddiefa abbli ħafna, u matul it-taħriġ tagħhom fil-Frejgatina stinkaw kemm felħu ..."

*Jingħad li inti kont tħarreġ il-qaddiefa tiegħek darbtejn kuljum – filgħodu u fil-għaxija ...veru?*

" ... Iva veru, dejjem skond ix-xogħol tal-qaddiefa ... normalment it-taħriġ kien isir fil-għaxija, għal ħabta tas-sitta ... konna nagħtu qadfa jew tnejn mill-Floating Dock għall-Ponta jew mid-dwana għall-Ponta, imbagħad konna nieħdu t-triq, mhux dejjem mill-istess post, biex ħadd ma joħdilna l-ħin. Meta kienet toqrob it-tiġrija kont ngħid lil xi żewġ ħbieb tiegħi biex jieħdu l-ħin għax konna se nieħdu t-triq ... jien kont nieħu triq meta kont ikun ċert li l-qaddiefa tiegħi jkunu kisbu l-esperjenza tal-qdif kif kont nixtieq jien, u jkunu lesti għall-isfida ta' l-avversarji tagħna fit-tiġrija.

"It-taħriġ li kont nagħtihom jien fil-Frejgatini kien intensiv ħafna - kont nittrenjahom darbtejn kuljum ... ġieli fil-għodu ħadna t-triq mill-Break Water sal-Ponta jew sal-Marsa, u filgħaxija nidħlu fil-kanal ma' Frejgatini ta' distretti oħra.

"Jien kelli s-sodisfazzjon li l-qaddiefa li ħarriġtx jien, wara s-suċċessi li kisbu fil-Frejgatini, komplew jiksbu oħrajn meta bdew iġerru fl-opri l-kbar...

*Nota*: Tajjeb li nfakkar lill-qarrejja tagħha li Wenzu Zarb daħal fin-Navy Ingliża wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. Huwa kien qaddief regolari tal-Gigg ta' Sant' Anġlu, u snin wara sar il-Coxswain tiegħu. Kien żmien meta n-Navy kienet torganizza it-tiġrijiet tal-Giggijiet fil-Port il-Kbir. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, Wenzu mhux biss sar il-coxswain numru 1 tal-Wejla s-Sewda ta' Sant' Anġlu iżda rnexxielu wkoll jirbaħ kull Regatta tan-Navy li ppartecipa fiha, Bil-crew formidabbli li kellu (b'xi wħud minnhom qaddiefa regolari mad-distretti fir-Regatta), huwa sfida lill-aqwa qaddiefa Ingliżi li kellha l-Flotta Ingliża fil-Mediterran – kien proprju f'dak iż-żmien li lil Wenzu Zarb bdew isibuh bħala l-Bożin ....